**Laqgha Numru 14/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti ta' l-Erbatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 5 ta' Awwissu 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat kienu skuzata.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-30 ta' Lulju 2009. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 12/K6/2009.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 12/K6/2009.**
- **03. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/2009.**
- **04. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K6/2009.**
- **05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **07. Mistoqsijiet.**
- **08. Korrispondenza.**
- **09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **12. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 12/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 12/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 12/K6/2009.

**46/3718/09/I** 10/07/2009 — Memo minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali numru 42/2009 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2009 item 6.07 u ghall-korrispondenza numru **46/3718/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jaghmel talba ghal ghajnuna finanzjarja biex jigu l-grupp folkloristiku minn Roccalumera kif ukoll Trooping of the Colours kif kien approva l-Kunsill xi xhur ilu, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ghad m'ghandu ebda dettalji sabiex issir l-applikazzjoni necessarja. Il-kelliem fakkar li l-applikazzjoni trid tasal ghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sa qabel il-11 ta' Settembru 2009.

2.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-jiem li gejjien ser ikun qed jikteb ittra t'informazzjoni lill-Ambaxxati li l-pajjizi taghhom taw kontribut fl-istorja ta' pajjizna hekk kif maqbul fl-ahhar laqgha tal-Kunsill.

**46/3806/09/I** 13/07/2009 — E-mail minghand Faces Display fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret maghha fit-23 ta' Gunju 2009 gewwa l-Kunsill informat lill-Kunsill li accettaw li jinqala' l-bus shelter ta' Triq il-Mediterran minghajr ma jerga' jitwahhal ghall-prezz ta' €466.00 eskluz il-VAT.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2009 item 6.18 u ghall-korrispondenza numru **46/3806/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob il-permess tal-MEPA ghall-Bus Stop ta' Triq il-Mediterran li hemm faccata ta' Triq Fra Giuseppe Zammit, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li fil-laqgha li huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kienu attendew dwar ir-riforma fit-trasport pubbliku, kien intqal li kull Bus Shelter gdid jew caqlieq tieghu vis-a-vis ir-riforma, jista' jaghti l-kaz li jkun kopert mill-ADT u ghalhekk staqsa lill-Kunsill jekk f'dan l-istadju jkunx ghaqli li l-Kunsill japplika ghal dan il-Bus Shelter.

2.04. Fid-dawl ta' din l-informazzjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona lill-Kunsill biex issir talba lill-ADT fejn issir riferenza ghal dan id-diskors li sar fil-laqgha qabel mal-Kunsill jipprocedi bit-talba tal-Kunsill.

2.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2009 item 12.08 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li ssir attivita' kulturali f'Roccalumera f'Settembru 2009 kif ukoll li kien qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghandu jara liema data ghad trid tigi stabbilita, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ghad ma kellu ebda informazzjoni.

2.08. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli biex jindika data halli jsiru l-preparamenti tal-leaflet biex titqassam fid-djar ta' Pembroke malajr kemm jista' jkun u biex isir il-kuntatt mal-Hotel La Piramide.

2.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li din l-attivita' ghandha ssir fl-ahhar weekend ta' Awwissu ghalkemm l-arrangamenti kollha ghad iridu jigu finalizzati.

2.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.12. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2009 item 12.27 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-kumpaniji li jgorru l-istudenti minn u lejn il-lokal ghandhom jigu nfurmati li ma jistghux jibqghu jizgumbraw Triq il-Profs Walter Ganado bl-ipparkjar ta' coaches kif ukoll kien qal li huwa kien ser jipprovdi lista tal-kumpaniji koncernati sabiex isir kuntatt maghhom u jigu mitluba sabiex jikkoperaw mal-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ghad ma kellu ebda informazzjoni.

2.13. Il-kelliem talab lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli sabiex jindika lil dawn il-kumpaniji jew jekk jixtieq lis-Segretarjat tal-Kunsill sabiex jibghat lill-kumpaniji tal-coaches ittra biex jinfurmahom f'dan is-sens.

2.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-kumpaniji koncernati huma Arthur Garage u Silverstar Garage. Ghal dan il-ghan il-kelliem qal li dawn il-kumpaniji ghandhom jigu mitluba sabiex jipparkjaw it-trakkijiet taghhom fl-Ex Parade Ground bhal ma qed jaghmel il-Paramout Garage u jinzlu hdejn l-ITS wiehed, wiehed sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/2009.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 13/K6/2009 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K6/2009.

4.01. Peress li ma kienx hemm punti x'johorgu mill-Minuti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 52/2009** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Korporazzjoni Enemalta u r-residenti ta' Triq Medjez **(Ara dokument A); Internal Memo 53/2009** b'rapport tat-tfal li applikaw ghall-attivita' konnessa mal-librerija **(Ara dokument B); Internal Memo 54/2009** b'rapport tal-laqgha li kellna mad-Direttur fuq diversi affarijiet **(Ara dokument C); Internal Memo 55/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 12/K6/2009 u 14/K6/2009 **(Ara dokument D); Internal Memo 56/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 12/K6/2009 u 14/K6/2009 **(Ara dokument E); Internal Memo 57/2009** b'rapport tal-laqgha li saret mar-residenti ta' Sit A **(Ara dokument F); Internal Memo 58/2009** b'rapport tal-laqgha li saret mar-residenti ta' Sit C u D ta' Triq San Gorg Preca **(Ara dokument G);** Tender check list **(Ara dokument H);** Flyer dwar attivita' ghat-tfal tal-lokal **(Ara dokument I) u** Flyer dwar attivita' ghar-residenti **(Ara dokument J).**

5.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li d-dokument tat-Tender check list ghandu jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

5.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li rigward il-laqgha li saret mad-Direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, huwa kien ser jirrevedi l-applikazzjoni li ghamel il-Kunsill dwar il-Gemellagg ma' Anning halli tigi rrangata, jinghataw aktar dettalji

specjalment fuq il-punti li qajjem id-Direttur u li minhabba fihom il-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment irrifjuta l-applikazzjoni ghal dan il-gemellagg u terga tigi sottomessa ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment.

5.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.05. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

5.06. Il-mozzjoni giet approvata.

5.07. B'riferenza ghall-artiklu li deher fil-gimghat li ghaddew fuq il-gurnal il-Mument, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet proset lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talli ma ffirmax id-dokumenti konnessi mal-Gemellagg ta' Anning.

5.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma jarax ghala kien qed isir dan il-kumment.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memo 55/2009 dwar il-laqghat li saru mar-residenti ta' Sit A (San Gorg) u Sit C u D ta' Triq San Gorg Preca.

6.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Gimgha 31 ta' Lulju 2009 filghaxija huwa attenda ghall-prezentazzjoni ta' kotba kif ukoll ghall-prezentazzjoni ta' cekk ta' € 466.00 li jridu jintefqu f'xiri ta' kotba godda ghall-librerija tal-Kunsill kif ukoll ghotja ta' vawcer ta' € 100 biex jinxtraw kotba maltin.

6.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament kemm lill-Onor. Ministru Dolores Cristina kif ukoll lill-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said tal-gest taghhom.

6.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li fuq parir ta' l-Onor. Dr. Chris Said ghandha jitqassam leaflet mal-lokal sabiex jinkoragixxi lir-residenti sabiex jekk ser jiddisponu minn kotba jistghu jaghtuhom lill-Kunsill ghall-librerija.

6.07. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Gimgha 31 ta' Lulju 2009 inqalet problema lit-tfal/scouts li gew minn Roccalumera li kienu qed isofru minn inkonvenjent specjalment meta jigu biex jorqdu. Il-kelliem qal li sadattant saret talba lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex sakemm jinstab post alternattiv it-tfal joqghodu fis-sala tal-Kunsill liema talba giet rifjutata. Il-kelliem qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel kuntatt mad-dirigenti ta' Pembroke Athleta Sports Club sabiex dawn jaghmlu uzu mill-kmamar taghhom ta' Triq Tunis u flimkien mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat akkumpanjaw lill-leaders tal-group u qal li safejn jaf huwa dawn accettaw il-post.

6.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kompla jispjega li l-Gimgha filghaxija saru l-arrangamenti biex l-iscouts ta' Roccalumera ixxiftjaw fil-kumpless ta' Pembroke Athleta fejn accettaw li joqghodu hemm. Rigward id-dewmien li kien hemm fl-ajruport ghax hadd mill-Kunsill ma mar jilqaghhom kif ukoll tal-coach ma kellux karta sabiex jigi identifikat, sar dak li sar, pero irid ikun iccarat li l-kuntatt bejn dawn iz-zewg ghaqdiet u l-mawra saru bejniethom. Il-Kunsill kien biss strumentali biex ressaq iz-zewg partijiet flimkien. Ghalhekk il-kelliem talab biex il-Kunsill juri d-dispjacir tieghu ghal kif sehhu l-affarijiet.

6.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamlu gurnata jigru ma’ ta’ l-iscouts. Il-kelliema qalet li hasset li kienet mitluqa ghal ghonq it-triq u ziedet li din il-mawra hija frott tal-gemellagg li ghandu l-Kunsill ma’ Roccalumera.

6.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-iskrivana Kirsty Rizzo ikkonfermat li l-kumpanija Arthur & John’s Garage kienu gew infurmati bid-dettalji tal-grupp kif ukoll kienet intbaghtet fax sabiex tintuza bhala mezz ta’ identifikazzjoni fis-sala tal-wasla ta’ l-ajruport. Il-kelliem qal li huwa ma setax jghin f’din il-problema minhabba li nhar il-Gimgha huwa kien leave.

6.11. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Joe Brincat kien qallu li wara li kien ircieva telefonata mill-Kunsill biex jispezzjona z-zona ta’ fejn sar il-Kuncert mar jara u jidher li ghad baqa’ hafna materjal li akkumula matul il-kuncert li jrid jitnehha u dan jista’ jidher jekk ta’ l-NnG Promotions izuru sewwa l-akwata kollha u mhux il-ground biss.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-22 ta’ Lulju u l-5 ta’ Awwissu 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/3921/09/I**<br>21/07/2009 | E-mail minghand Claudette Abela Baldacchino dwar stedina lill-Kunsilliera u s-Segretarji Ezekuttivi sabiex jiltaqghu nhar il-Gimgha 31 ta' Lulju 2009 gewwa l-Kaptan Waterfront Valletta fit-8.30pm. |

8.02. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3921/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/3923/09/I**<br>21/07/2009 | E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-e-mail li baghat dwar l-attivita' li ser issir f'Bormla nhar il-Gimgha 31 ta’ Lulju 2009 fis-6.30pm bl-isem 'Il-Ktieb Pass il-Boghod Minnek' informa l-Kunsill li l-invit huwa estiz ukoll lill-kunsilliera responsabbli mill-Edukazzjoni. |

8.03. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3923/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrefera ghal dak li kien diga spjega aktar qabel taht item 6.

| | |
|---|---|
| **46/3962/09/I**<br>23/07/2009<br>**46/3968/09/I**<br>23/07/2009 | Ittra minghand l-Awtorita’ tad-Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar dawl ma jixghelx f'Sit A informaw lill-Kunsill li din is-sitwazzjoni trid tigi solvuta mal-Korporazzjoni Enemalta u mhux ma’ l-Awtorita’ minn naha tal-Kunsill u kkonfermaw li l-Awtorita’ f'ebda ittra ma tefghet il-htija fuq il-Kunsill. |

8.04. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3962/09/I u 46/3968/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Korporazzjoni Enemalta fejn tigi kwotata l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand l-Awtorita’ tad-Djar rigward din il-problema. Il-kelliem ippropona ukoll li kopja ta’ l-ittra tintbaghat lir-residenti koncernati.

8.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3970/09/I** 23/07/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talbet biex nibghatu l-ftehim iffirmat dwar l-iskema energy saving.

8.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3970/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba li ma kienx hemm bizzejjed finanzi allokati ghall-Kunsill Lokali Pembroke taht din l-iskema li jammontaw ghal anqas minn 50% tal-progett propost mill-Kunsill, il-Kunsill m'ghandux jiffirma dan id-dokument kif ukoll li d-Dipartiment ghadu jigi nfurmat kif il-Kunsill wasal ghal dan il-pass.

8.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3972/09/O** 23/07/2009 E-mail li l-Kunsill baghat lill-MEUSAC fejn ikkonfermajna l-attendenza tas-Sindku Joe Zammit ghas-seminar li ser isir fuq Life+ nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009.

8.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3972/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li minhabba esigenzi tax-xoghol li sab ma' wiccu nhar it-Tnejn li ghaddha, huwa ma setax jattendi ghal dan is-seminar.

**46/3974/09/I** 23/07/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-kuntratt ta' gbir ta' skart organiku nforma l-Kunsilli li d-dipartiment dalwaqt ser jaghmel sessjoni ta' informazzjoni u ghaldaqstant il-preparazzjoni sabiex jinhareg it-tender ghandha ssir wara dan is-seminar.

8.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3974/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem fakkar lill-Kunsilliera li dan is-suggett tqajjem ukoll fil-laqgha mad-Direttur ghall-Gvern Lokali li saret nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2009.

**46/3992/09/I** 24/07/2009 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar id-dawl madwar Sit F talbu l-Kunsill jikkonferma li l-Awtorita' tad-Djar mhux ser tkun responsabbli ghall-hlas tal-konsum tad-dawl madwar Sit F.

8.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3992/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li wara ntervent li sar mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, id-dawl tqabbad mas-sistema ta' street lighting. Ghalhekk ippropona li l-Awtorita' tad-Djar jigu nfurmata li d-dawl tqabbad ma' street lighting.

8.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4001/09/I** 24/07/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn stiednu lis-Sindku biex jattendi sezzjoni fuq is-sistema ta' LES nhar l-Erbgha 29 ta' Lulju 2009 fid-9.00am fl-ewwel sular fl-OPM f'Kastilja.

8.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4001/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrefera lill-Kunsilliera ghall-korrispondenza 46/4107/09/I li ser tigi diskussa aktar il-quddiem.

**46/4036/09/I** 25/07/2009 **46/4040/09/O** 25/07/2009 E-mail minghand is-Sinjorina Teresa Pace fejn talbet biex isir id-dawl mad-dawra ta' Sit C u D u nfurmat lill-Kunsill li fil-lokal hawn nuqqas ta' hwienet u jkun haga sew li ssir ATM u fl-ahhar staqsiet jekk hux qed isiru xi korsijiet.

8.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4036/09/I u 46/4040/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li risposta diga kienet intbaghtet.

**46/4037/09/I** 25/07/2009 E-mail minghand is-Sinjura Maria Brincat fejn irringrazzjat lill-Kunsill tax-xoghol li jsir fosthom taghlim lir-residenti biex ma jkunux t'inkonvenjent ghal haddiehor izda talbet biex il-Kunsill jiehu azzjoni fuq ilma mahmug li johrog quddiem id-djar tan-nies.

8.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4037/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li meta jsir leaflet iehor informattiv mill-Kunsill, jitnizzel xi haga f'dan is-sens kif talbet din is-sinjura.

8.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4048/09/I** 28/07/2009 Kopja ta' l-ittra li rcieva l-Kunsill minghand il-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Assistent Kummissarju L. Cauchi li ntbaghtet lil Ac is-Sur Neville Aquilina dwar il-klieb li qed jitterrorizzaw lir-residenti fejn talab risposta mis-Supretendent 6A P.D.

8.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4048/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tinkiteb ittra lis-Seg. Parlamentari Jason Azzopardi sabiex jitnaddaf is-sit li fil-passat ricenti kien qed jigi okkupat illegalment ghaz-zamma tal-klieb.

8.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4058/09/I** 28/07/2009 E-mail minghand Comune di Roccalumera fejn talbet risposta fuq l-e-mail li baghtet precedentament minhabba l-limitu taz-zmien dwar il-programm Youth in Action fejn il-Kunsill ta' Roccalumera se jipprezentaw progett fuq skambju bejn iz-zghazagh u staqsiet jekk l-Kunsill hux interessat li jipprezenta progett simili jew inkella z-zghazagh tal-lokal ta' Pembroke jigu nvoluti fil-progett taghhom u ghandha bzonn risposta sa l-1 ta' Settembru 2009.

8.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4058/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li Roccalumera ghandhom jigu nfurmata li z-zghazagh mill-lokal ghandhom jigu nvoluti fil-progett taghhom.

8.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4060/09/I** 28/07/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informa l-Kunsill li s-seminar dwar il-kuntratt il-gdid tal-gbir ta' skart ser issir nhar il-Gimgha 7 ta' Awwissu 2009 fil-Kunsill Lokali ta' B'Kara bejn l-10.00am u 12.00pm.

8.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4060/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4061/09/I** 28/07/2009 E-mail minghand l-ETC fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill fejn accetta li jsiru korsijiet mill-ETC baghtet aktar informazzjoni fuq il-korsijiet li jixtiequ joffru kif ukoll staqsiet jekk fil-Kunsill hemmx kamra disponibbli biex isiru dawn il-korsijiet.

8.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4061/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk il-finanzi jippermettu l-Kunsill ghandu japprova x-xiri ta' roll up tables biex jitwahhlu mas-siggijiet li hemm fis-sala tal-Kunsill ghax bzonjuzi jekk ser isiru korsijiet fil-futur kif ukoll l'issir talba lid-dirigenti ta' l-ETC biex izuru s-sala li offra l-Kunsill ghall-uzu taghhom. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill ghandu jikteb lill-ETC biex forsi jisponsorjaw dawn it-tip ta' mwejjed.

8.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4065/09/I** 28/07/2009 E-mail minghand Bajada Group fejn talbu ssir laqgha mal-Kunsill dwar l-iskema ta' energy saving.

8.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4065/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4072/09/I** 29/07/2009 Ittra minghand il-MEUSAC fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex nhar l-Erbgha 24 t'Awwissu 2009 bejn is-7.00pm u 9.45pm fejn il-Knisja jipparkja mobile vehicle biex jaghtu nformazzjoni dwar attivitajiet fuq l-EU.

8.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4072/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

8.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4081/09/I** 29/07/2009 E-mail minghand l-Avukat Dr. Luciano Busuttil fejn baghat kopja ta' l-ittra li baghat l-AKL dwar l-appell t'aggudikazzjoni ta' Tender 03/09 tal-Kunsill Lokali Pembroke mis-Sur Mario Mallia.

8.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4081/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li minn din l-ittra tal-Avukat jidher li l-Kunsill ta' Pembroke ma kiser l-ebda regola finanzjarja u l'aggudika hazin dan it-tender ghalkemm il-Kunsill ghad irid jistenna l-ezitu tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell.

8.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ssir laqgha ma' l-avukat rigward it-talbiet pendenti.

8.36. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li jekk huwa possibli din ghandha ssir fi zmien gimgha minn din il-laqgha.

8.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4099/09/I** 30/07/2009 Ittra minghand il-Verdala International School fejn talab biex jigu nstallati t-traffic calmers li gew approvati mill-ADT kemm jista' jkun malajr u qabel ma' tibda l-iskola fl-1 ta' Settembru 2009 minhabba li ser izommu l-Kunsill responsabbli jekk jinqala xi accident.

8.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4099/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ser jghaddi din l-ittra lill-Avukat tal-Kunsill ghall-parir legali tieghu dwar jekk ghandhomx isiru ta' bilfors mill-Kunsill ghax jista' jinholoq precedent li kull min

irid xi haga jikkwota l-frazi responsabilita'. Il-kelliem ippropona li f'kaz li tigi risposta mill-avukat li l-Kunsill ghandu obbligu legali li jaghmel dawn il-humps, il-Kunsill ghandu jitlob il-permess tad-Dipartiment minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja ta' dan il-kwart.

8.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet lis-Sindku Joe Zammit jekk saritx il-laqgha mar-rapresentanti tal-Verdala International School

8.40. Is-Sindku Joe Zammit qal l'illum l-Erbgha filghodu saret il-laqgha mas-sur Adam Pleasance rigward dan il-kaz fejn fost affarijiet li kienu diskussi kien hemm il-bini tal-hajt minflok il-fence li jifred lill–Kunsill minn ma' l-iskola; it-talba tal-humps kif ukoll il-hrug ta' studenti, familjari u teachers mill-'one way'. Is-Sindku Joe Zammit qal l'infurmah rigward il-hsieb tal-Kunsill vis-a-vis ir-road humps fejn qal li s-sur Pleasance talab lill-Kunsill stima ta' kemm dawn jiswew halli huwa jkun jista' jipprezenta' lill-board forsi isiru jkunu jistghu jsiru nofs b'nofs. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob stima minghand Ell's Urban Services liema stima wara ghandha tintbaghat lill-Verdala International School.

8.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.43. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li skond huwa n-nies ta' Pembroke ma jridux sleeping policeman u ghalhekk ma jarax li dawn ghandom isiru

**46/4101/09/I** 30/07/2009 E-mail minghand l-AKL dwar stedina lis-Sindki u Vici Sindki biex jattendu ghall-laqgha ta' informazzjoni dwar diversi inizjattivi li qeghdin u li se jittiehdu mill-Onor. Dr. Chris Said nhar il-Gimgha 7 ta' Awwissu 2009 fit-3.00pm f'Dar il-Mediterran ghall-Konferenzi l-Belt.

8.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4101/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera specjalment tas-Sindku u tal-Vici Sindku.

**46/4102/09/I** 30/07/2009 E-mail minghand is-Sinjura Teresa Pace li toqghod 28, Triq il-Kurunell Cocks, fejn informat lill-Kunsill li fi Trejqet il-Beata Adeodata Pisani persuni li qed jahdmu f'xi dar tefghu gebel fin-nofs tal-passagg kif ukoll xi hadd tefgha xi annimal mejjet go kaxxa.

8.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4102/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi nfurmata l-Awtorita' tad-Djar dwar meta se jsir ix-xoghol ta' tisbih u manutenzjoni ta' din il-parti msemmija minn din il-persuna kif ukoll reminder lill-ADT dwar ix-xoghol li baqa' pendenti madwar Sit C u D.

8.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4104/09/I** 30/07/2009 E-mail minghand is-Sinjura Jenny Kenna fejn informat lill-Kunsill bil-ktieb li ghadha kemm ippubblikat bl-isem 'Susan's Secrets - A Victorian Kitchen in Wales' u baghtet il-website fejn nistghu naraw filmat qasir fuq postijiet f'Pembroke u l-madwar fejn kienet tghix u tahdem in-nanna taghha u nformat lill-Kunsill li bejn il-25 t'Awwissu sa 8 ta' Settembru se tkun qeda Ghawdex.

8.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4104/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din is-sinjura tkun mistiedna zzur Pembroke Malta waqt li tkun qeda'

Ghawdex kif ukoll tigi ofrut l-possibilita’, dejjem jekk hija taccetta’, li tipprezenta kopja ghall-librerija tal-Kunsill.

8.49. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4105/09/I** 30/07/2009 E-mail minghand PS 1106 Mario Farrugia fejn informa l-Kunsill li l-Ispettur J. Cilia mid-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali talab laqgha mal-Kunsill ghax-xahar t'Awwissu 2009.

8.51. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4105/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lill-Kunsilliera sabiex jekk jahsbu li ma hemmx x’ikun diskuss matul dan ix-xahar, il-laqgha tigi posposta ghal Settembru.

8.52. Hadd mill-membri l-ohra tal-Kunsill prezenti ma kkummenta.

**46/4107/09/I** 30/07/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret dwar is-sistema ta' LES baghat il-prezentazzjoni li saret mis-Sur Roberto Vitale u talab nibghatu s-suggerimenti taghna u nipprezentawhom lill-Onor. Dr. Chris Said sa l-ahhar ta' Awwissu.

8.53. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4107/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kull Kunsillier inkluz is-Segretarju Ezekuttiv jista’ jressaq xi suggeriment fuq is-sistema ta’ l-LES, ghandu cans jaghmel dan sa l-ahhar ta’ Awwissu.

**46/4116/09/I** 31/07/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill lill-Magister Academy dwar skart u hsarat mill-istudenti, d-direttur talab biex immedjatament titwaqqaf it-talba ghall-hlas u nibghatu ittra bil-fax bhala spjegazzjoni taht liema bazi legali qed jintalab dan il-hlas.

8.54. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4116/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-proposta mressqa mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, issekondata minnu u maqbula bejn il-membri kollha tal-Kunsill inftiehmet hazin mid-dirigenti ta’ l-iskejjel l’igibu dawn l-istudenti. Ghal dan il-ghan il-kelliem talab li tintbaghat ittra lil dawn is-sinjuri biex tigi mfissra lilhom li l-Kunsill ma kienx qed jitlob ghotja finanzjarja ghax hemm xi lok jew dritt fil-ligi, izda b’sens civiku u socjali ghax konxji mid-danni li jsofri l-Kunsill minn dawn l-istudenti. Il-kelliem qal ukoll li fl-istess hin il-Kunsill ghandu jiskuza ruhu mal-kumpaniji u l-iskejjel koncernati jekk dawn hasbu li l-Kunsill qed jitlob xi haga llegalment jew b’xi qerq. Il-kelliem qal l’intant ir-risposta lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kienet intbaghtet. (Rif: 46/4117/09/O)

8.55. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li f’kuntatt telefoniku li d-Direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kellu mieghu nhar it-Tnejn 3 ta’ Awwissu 2009, dan ta’ l-ahhar tah struzzjonijiet sabiex jinforma lill-Kunsill li m’hemm ebda bazi legali ghall-proposta/talba li ghamel il-Kunsill u ghalhekk mhux tigi ccarata l-pozizzjoni hemm bzonn, izda ghandha tigi rtirata kompletament.

8.56. Fid-dawl ta’ dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li din l-ittra ghandha tigi rtirata u tinkiteb ittra f’dan is-sens.

8.57. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.59. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li ssir Press Release vis-a-vis il-hsarat li jsiru minn studenti u dak li prova jaghmel il-Kunsill, liema azzjoni l-Kunsill intalab li jirtira mid-Direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

8.60. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4119/09/I** 31/07/2009 Ittra minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma fejn b'riferenza ghall-kont pendenti tad-dawl ta' Sit B li jammonta ghal €8,908.68 baghtet formola ta' registrazzjoni fil-bidla tal-konsumatur sabiex timtela u l-kontijiet jigu registrati fuq l-Awtorita' tad-Djar.

8.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4119/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova li timtela din il-formola u tintbaghat lill-Awtorita' tad-Djar.

8.63. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-probabilita' hija li biex isir dan il-process, u qabel ma jkun konkluz, il-Kunsill ikollu jhallas il-kont pendenti li hemm.

8.64. Is-Sindku Joe Zammit qal li qed jitlob lill-Kunsill biex jaghmel il-parti tieghu. Il-kelliem qal li jekk jigri hekk il-pozizzjoni tal-Kunsill ghandha tibqa' l-istess li ma jhallasx ghall-konsum ta' dawl pubbliku.

8.65. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku Joe Zammit.

8.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4128/09/I** 31/07/2009 E-mail minghand l-MUMN is-Sinjura Chantelle Galea fejn talbet il-permess tal-Kunsill jekk jistghux jaghmlu BBQ quddiem l-iskola ta' l-ITS fi Triq Martin Luther King fuq is-simenta nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu ghall-habta ta' 8.00pm u talbet tkun taf il-proceduri li hemm bzonn.

8.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4128/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

8.68. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4130/09/I** 31/07/2009 E-mail minghand Dr. Joseph Brincat li joqghod Triq Patri Indri Vella fejn talab isir xi haga dwar inkonvenjent li qed isofru r-residenti ta' Triq Patri Indri Vella minhabba parkegg quddiem il-garaxxijiet u ssugerixxa li jew ssir ronda regolari mill-Gwardjani lokali, jew tinzebagh reserved quddiem il-garaxx tieghu minhabba n-natura tax-xoghol tieghu jew jitwahhlu 2 bollards ghas-spejjez tieghu.

8.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4130/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din it-talba ghandha tintbaghat lill-ADT ghall-kummenti taghhom.

8.71. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4140/09/I** 03/08/2009 Ittra minghand is-Sur Mario Abdilla li joqghod 11, Le Jardin, Triq Madre Margherita de Brincat fejn talab lill-Kunsill jikteb f'ismu l-ADT biex minhabba l-iskola gdida t-traffiku fit-Triq Madre Margherita De Brincat zdied u ghalhekk aktar minn qatt qabel hemm bzonn li jsiru it-tabelli ta'

load u unloading.

8.73. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4140/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinkiteb ittra l-ADT li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li ssir tabella ta’ loading u unloading quddiem dan il-hanut.

8.74. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.75. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4143/09/I** 03/08/2009 Ittra minghand Dr. Michael Falzon Kelliem Ewlieni Laburista ghall-Intern u s-Sigurta’ fejn rega' baghat reminder fejn talab laqgha mal-Kunsill biex isir aktar familjari mal-Kunsill u sabiex jara kif jistghu jahdmu aktar u ahjar flimkien.

8.76. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4143/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandha ssir din il-laqgha u laqghat ohra li jintalbu minn Deputati ohra.

8.77. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u qalet li jekk jsita’ jkun issir f’hin u gurnata li jkunu jistghu l-maggoranza ta’ Kunsilliera.

8.78. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4144/09/I** 03/08/2009 Stedina lis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv minghand in-Network Infrastructure Directorate ghal seminar li ser isir fuq sahha u sigurta' f'xoghol fit-toroq nhar il-Gimgha 7 ta' Awwissu 2009 bejn id-9.30 u 12.00 fis-Sala Sir Temi Zammit Dar il-Mediterran fil-Belt Valletta.

8.79. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4144/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet saret ittra t’oggezzjoni minhabba li f’dak il-hin hemm laqgha ohra dwar ir-riforma fil-gbir ta’ l-iskart, riferenza korrispondenza 46/4156/09/O.

**46/4147/09/I** 03/08/2009 Permess numru 0977/2009 biex isiru Enemalta cables fi Triq Dun Amabile Sisner, Triq Gabriel Henin u Triq il-Kurunell Lorenzo Manche'.

8.80. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4147/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li huwa mportanti li qabel jinbeda x-xoghol ghandhom ikunu nfurmati r-residenti koncernata.

8.81. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din kienet wahda mill-kundizzjonijiet li l-Kunsill jaghmel fil-permess.

8.82. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

8.83. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4152/09/I** 03/08/2009 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab biex l-Internal Memo 54/2009 tal-laqgha li saret mad-Direttur ghall-Gvern Lokali, nibghatu kopja taghha lid-Direttur biex jikkonferma l-Kunsill halli tkun tista’ titressaq ghall-laqgha tal-Kunsill li jmiss li ser issir nhar l-Erbgha 5 ta' Awwissu 2009.

8.85. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4152/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4153/09/I** 03/08/2009 E-mail minghand il-Perit Gordon Zammit minn Network Infrastructure Directorate fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill datata 28 ta' Lulju dwar l-istat ta' toroq fejn l-bini ta' l-iskola l-gdida nforma l-Kunsill li saret

spezzjoni u saret stima ghall-kostruzzjoni ta' toroq bit-tarmak u baghthom l-ADT biex jigu nkluzi fil-programm ta' xoghol u fil-prezent qed jistenna l-approvazzjoni ghax-xoghol mitlub.

8.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4153/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-residenti koncernati ghandhom jigu nfurmata b'dan l-izvilupp.

8.87. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.88. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4154/09/I** 03/08/2009 E-mail minghand Network Infrastructure Directoctorate fejn b'riferenza ghall-permess numru 0977/2009 biex isiru Enemalta cables fi Triq Dun Amabile Sisner, Triq Gabriel Henin u Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' informa l-Kunsill li jridu johorgu dan il-permess kemm jista' jkun malajr minhabba li l-Works Division trid tibda x-xoghol fuq strom water culvert.

8.89. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4154/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-residenti koncernati ghandhom jigu nfurmata b'dan l-izvilupp.

8.90. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.91. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4157/09/I** 03/08/2009 E-mail minghand is-Sur Franco Galea fejn informa l-Kunsill li huwa lest li jospita' b'xejn l-akkomodazzjoni lill-grupp li gejjien minn Roccalumera basta li Roccalumera joffru l-istess arrangamenti liz-zghazagh minn Pembroke meta jmorru huma Roccalumera dwar l-arrangamenti fuq l-ikel talab isir ftehim direttament mas-Sur Anton Dougal.

8.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4157/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li kopja ta' din l-ittra ghandha tintbaghat Roccalumera.

8.93. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.94. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4159/09/I** 03/08/2009 E-mail minghand is-Sur Patrick Gauci li joqghod Sit F fejn gibed l-attenzjoni tal-Kunsill bl-inkonvenjent li nholoq lir-residenti ta' Sit F minn meta twahhlu t-tabelli tal-one way fi Triq Gioacchino Le Brun u ssuggerixxa zewg proposti wahda li taht il-One Way fit-tarf ta' Triq Gioacchino Le Brun titwahhal tabella li tghid 'Except for Local Residents' jew 'Except for Garage Owners of Site F' jew li tabelli tal-One Way jitwahhlu fil-bidu ta' Triq Gioacchino Le Brun (in-naha ta' Triq Tobruk) u jizdiedu bit-tabella 'Except for Local Residents'.

8.95. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4159/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din ghandha tigi diskussa l-laqgha li jmiss.

8.96. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.97. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt kif ukoll ghall-korrispondenza 46/4107/09/I rigward l-emendi u riforma fis-sistema tal-LES.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma jidher li ma hemmx attivitajiet godda ghajr dawk li diga approva l-Kunsill fil-laqghat precedenti.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument K u L)**

11.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

11.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir works order lill-Koptasin sabiex jinzebghu l-Stop signs li hawn fil-lokal.

12.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Sindku Joe Zammit fin-nuqqas tal-Kunsillier Joe Brincat ippropona l'issir ittra lill-Awtorita' tad-Djar sabiex issir manutenzjoni tal-banavostri tal-gebel ta' House 1, Blokk 6, Trejqet Giuseppe M. Letard, tal-familja Fenech.

12.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ssir tabella ohra ta' 'No Dogs' fil-Bajja ta' Pembroke, fejn hemm is-sellun minhabba l-hafna klieb li qed ikun hemm jghumu.

12.08. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li jidher li f'parapett fi Triq Dun Amabile Sisner hemm zewg bicciet sleeping police. Il-kelliem qal li ftit tax-xhur ilu ftit metri boghod kienet insterqet wahda li kienet installata fit-triq il-Mediterran. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona li jintalab l-intervent tal-Pulizija sabiex tinvestiga dan il-kaz.

12.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.13. Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat qalet li dwar il-kaz tas-Sur Cremona il-Kunsill ghandu jara kif jaghlaq l-ilment tieghu.

12.14. Wara diskussjoni l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat ippoponiet li ssir laqgha mas-sur Cremona.

12.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li ghal din il-laqgha jkun prezenti l-Avukat tal-Kunsill.

12.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.18. Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat resqet ilmenti dwar l-inspection chamber tad-drainage ta' Plot 25 fi Triq Dun Amabile Sisner u talbet lill Kunsill biex jiehu azzjoni rigward dan l-inkonvenjent

12.19. Is-Sindku Joe Zammit qal li dwar dan l-ilment il-Kunsill jista' jikteb ittra lid-Dipartiment tas-Sanita' jew lill-Waste Water Unit.

12.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li meta jkun hemm talbiet ghall-applikazzjoni tal-vacation leave ghandhom jigu nfurmata l-Kunsilliera kollha.

12.21. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-aplikazzjonijiet dejjem kienu ghad-dispozizzjoni tal-Kunsilliera u suppost l-iskrivana Kirsty Rizzo qed tibghat e-mail lill-Kunsilliera bit-talbiet li jsiru mill-istaff wara li dawn ikunu gew approvati mis-Sindku Joe Zammit.

12.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li fil-gabra tar-riciklagg ta' nhar ta' Tlieta mhux qed jingabar kollox.

12.23. Il-laqgha ntemmet fis-7.00 pm wara li kien ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 2 ta' Settembru 2009 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |